

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għall-ħajja privata, tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
4. Ir-raba' motiv: l-illegalità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU 2010, L 336, p. 30), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2016, L 336I, p. 7), u tal-Artikolu 2b(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2005, L 193, p. 1).

---

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2018 – Kampete vs Il-Kunsill

(Kawża T-164/18)

(2018/C 161/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Ilunga Kampete (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2282 tal-11 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo sa fejn din iżżomm lir-rikorrent fin-Nru 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u fin-Nru 1 tal-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005;
- tikkonstata l-illegalità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(2)(b) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni 2016/2231/PESK u 2b(1)(b) tar-Regolament Nru 1183/2005/KE;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi, li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-163/18, Amisi Kumba vs Il-Kunsill.

---

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2018 – Kahimbi Kasagwe vs Il-Kunsill

(Kawża T-165/18)

(2018/C 161/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Delphin Kahimbi Kasagwe (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, M. Forgeois u A. Guillerme, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea